MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Numru. 333/2006

Il-Pulizija
(spettur Alex Miruzzi)
vs
Eric Scicluna

Illum 17 ta' Lulju, 2006

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli fis-27 ta' Ottubru 2005, wara nofs inhar, f'dawn il-gzejjer:

1. Ittanta li jhajjar jew jikkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku biex jaghmel delitt.
2. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'att estern u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.
3. Kellu fil-pussess tieghu speci ta' ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn ghasafar li ma kienux inkluzi fl-iskedi I,II jew III li jinsabu mar-regolamenti tal-Avviz Legali

146 tal-1993 kif sussegwentement emmendat, kemm il-darba ma ippruvax li dak l-ghasfur kien importat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maqful u li kien registrat mad-Direttur.
4. Ghamel reat li jinvolvi ghasfur li huwa imhares b'mod specjali.
5. Sar ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza datata 25 ta' Settembru 1998 kif ukoll b'sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati datati 21 ta' Novembru 2001 – Magistrat Dr A Micallef Trigona u t-3 ta' Novembru 2004 – Magistrat Dr Anthony Vella, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens, kemm tal-Avukat Generali kemm tal-akkuzat, biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Issib lill-akkuzat hati talli fis-27 ta' Ottubru 2005, wara nofs inhar, f'dawn il-gzejjer:
1. Ittanta li jhajjar jew jikkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku biex jaghmel delitt.
2. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'att estern u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.
3. Kellu fil-pussess tieghu speci ta' ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn ghasafar li ma kienux inkluzi fl-iskedi I,II jew III li jinsabu mar-regolamenti tal-Avviz Legali 146 tal-1993 kif sussegwentement emmendat, kemm il-darba ma ippruvax li dak l-ghasfur kien importat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maqful u li kien registrat mad-Direttur.
4. Ghamel reat li jinvolvi ghasfur li huwa imhares b'mod specjali.
5. Sar ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza datata 25 ta' Settembru 1998 kif ukoll b'sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati datati 21 ta' Novembru 2001 – Magistrat Dr A Micallef Trigona u t-3 ta' Novembru 2004 – Magistrat Dr Anthony Vella, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli:

a) 120 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) 41 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c) Avviz Legali 146 tal-1993 Skeda I, II u III,

d) Subregolament (9) tar-regolament 2A tal-Avviz Legali 146 tal-1993.

In rigward piena, wara li l-Qorti rat:
i) L-ammissjoni bikrija tal-akkuzat;
ii) Il-Konferma mill-prosekuzzjoni li l-akkuzat ikkollabora pjenament mal-pulizija;
iii) Il-fedina penali tal-akkuzat;
iv) Il-fatti kif spjegati mill-akkuzat u kif konfermati mill-ufficjal prosekutur.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 21, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal LM200.00 (mitejn lira maltin) multa.

Inoltre tordna l-konfiska tal-ghasfur tal-priza, esebit formalment illum stess. Dan l-ghasfur ghandu jigi moghti lil Muzew tal-Istorja Naturali fl-Imdina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------